**ARĊIDJOĊESI TA' MALTA**

Lir-Rev. Arċiprieti, Kappillani u Retturi tal-Knejjes u Superjuri Reliġjużi

**ĠABRA GĦAS-SEMINARJU**

B'riżultat tal-pandemija, is-sena l-oħra, il-ġabra li kellha ssir għas-Seminarju kellha titħassar. Is-Seminarju jiddependi ħafna mill-ġenerożità tal-Poplu ta' Alla. Hija x-xewqa tagħna li kieku s-seminaristi jkunu jistgħu jattendu f'kull kappella u knisja li hawn f'Malta. Bi tnax-il seminarista, dan żgur li mhuwiex possibbli.

Għaldaqstant qegħdin nappellaw biex matul ir-Randan, issib weekend – tista' tara int liema hu l-aħjar għalik – biex fil-quddies tas-Sibt filgħaxija u tal-Ħadd, tkun tista' tagħmel il-ġabra tas-Seminarju.

Bil-kontribuzzjoni li l-poplu ta' Alla jkun qiegħed jagħti lis-Seminarju, inkunu qegħdin ngħinu lis-Seminarju Maġġuri biex jagħti l-formazzjoni meħtieġa lis-seminaristi kif jitolbu ż-żminijiet li qegħdin fihom. Għalhekk napprezzaw li tavża u tagħmel appell mill-*weekend* ta' qabel għall-kontribuzzjoni finanzjarja tant meħtieġa.

Tajjeb li nħeġġu lill-Insara biex jitolbu u jaħdmu għal aktar vokazzjonijiet mhux biss fuq livell personali imma wkoll komunitarju. Nissuġġerixxu ukoll li matul il-Ħdud kollu tar-Randan mat-talb tal-komunità nżidu talba biex nitolbu għal aktar vokazzjonijiet, u nħeġġu lil ħutna l-insara biex jitolbu spiss it-Talba tal-Vokazzjonijiet.

Grazzi mill-qalb tal-ġenerożità tagħkom b'risq is-Seminarju.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 9 ta' Frar 2021

Charles Bugeja
Ass. Kanċillier

✠ Joseph Galea-Curmi
Isqof Awżiljarju

(Nota: Il-flus li jinġabru għas-Seminarju għandhom jiġu mgħoddija, mingħajr ebda tnaqqis, lis-Seminarju fuq The Archbishop's Seminary, 90, Triq tal-Virtù, Rabat Malta, RBT2604, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu. Iċ-ċekk għandu jkun intestat 'The Archbishop's Seminary').